

ELEZZJONIJIET EWROPEJ



6-9 TA' ĠUNJU 2024

SETT TA' GĦODDOD



#UŻA
L-VOT
TIEGĦEK



ELEZZJONIJIET-EWROPEJ.EU

© L-Unjoni Ewropea, 2024

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata dment li s-sors jiġi rikonoxxut.

Kreditu għar-ritratti u illustrazzjonijiet: © Il-Parlament Ewropew, gettyimages

Mañluq mill-Unità tal-Kuntatt maż-Żgħażaġħ, DĠ COMM, Parlament Ewropew

Kuntatt: youth@europarl.europa.eu

WERREJ

L-ISKOP TA' DAN IS-SETT TA' GĦODOD	3
STRUTTURA.....	3
L-INTERAZZJONI HIJA IMPORTANTI ĦAFNA	3
MODULU 1 GĦALIEX GĦANDEK TIVVOTA FL-ELEZZJONIJIET	5
EWROPEJ TAL-2024?	5
MODULU 2 ID-DIŻINFORMAZZJONI	9
MODULU 3 KIF TĦALLI IMPATT FUQ ĦAJTI L-UE?.....	13
MODULU 4 X'INHU L-IRWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW?.....	17
MODULU 5 BIEK ISSIR ĊITTADIN EWROPEW ATTIV	21
MODULU 6 IŻ-ŻGĦAŻAGĦ JIEĦDU AZZJONI	25

L-ISKOP TA' DAN IS-SETT TA' GĦODOD

L-għan ta' dan is-sett ta' għodod edukattivi huwa li jipprovdi **aċċess faċli għal riżorsi edukattivi** li jistgħu jgħinuk tispjega liż-żgħażaġh il-benefiċċji tal-Unjoni Ewropea, l-irwol tal-Parlament Ewropew u **l-importanza li huma jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej**.

STRUTTURA

Is-sett ta' għodod huwa maqsum f'**6 moduli**. Kull modulu għandu 4 partijiet: introduzzjoni għas-suġġett, mistoqsijiet ta' gwida f'kaxxa blu li tista' tuża biex tibda konverżazzjoni maż-żgħażaġh, lista ta' riżorsi edukattivi biex jappoġġjaw din il-konverżazzjoni u kwizz żgħir. Ħdejn kull riżors se tara t-tul ta' żmien indikattiv.

L-INTERAZZJONI HIJA IMPORTANTI ĦAFNA


Ir-riżorsi f'dan is-sett ta' għodod jistgħu jiġu kkombinati b'mod liberu b'tali mod li jħallu spazju għaż-żgħażaġh biex **jitkellmu, jaħsbu f'idea, jew jistaqsu mistoqsijiet**.

Biex tipprepara d-diskussjoni, l-aħjar li tibda minn suġġetti li ż-żgħażaġh jieħdu interess fihom. Tajjeb ukoll li taħseb x'**riżultat konkret** jista' jikseb iż-żagħżuġh wara li jaġmel l-attività, bħal li jirreġistra fuq is-sit web tal-elezzjonijiet biex jikseb tfakkira tal-vot, jingħaqad mal-komunità flimkien.eu, jittellem dwar l-elezzjonijiet mal-familja u l-ħbieb tiegħu, eċċ. *(ara wkoll il-modulu 6 – liż-żgħażaġh jieħdu azzjoni)*

Il-formati parteċipattivi għandhom jiġu kkinsidrati għall-interazzjoni effettiva maż-żgħażaġh, biex jingħataw is-setgħa u biex joħolqu impatt dejjiemi.

- ▶ **Tista' tistabilixxi d-diskussjoni tiegħek f'ċirku**, sabiex kulħadd ikun fl-istess livell, u kulħadd jkun jista' jara lil xulxin. Aqra iżjed dwar il-prattika taċ-ċirku *(Verżjoni bl-Ingliż biss)* fil-klassi jew fitteż fuq l-internet għal eżempji ta' użu tal-prattika taċ-ċirku.
- ▶ Tista' tuża l-**metodoloġija tal-World Café** biex torganizza sessjonijiet ta' ħidma. Skopri aktar dwar il-World Café. *(Verżjoni bl-Ingliż biss)*
- ▶ Il-ksib tar-riżultati tas-sessjonijiet ta' ħidma bl-użu ta' tekniki ta' reġistrazzjoni grafika.
- ▶ Firxa wiesgħa ta' għodod tal-edukazzjoni mhux formali tista' tinstab fuq is-sit web ta' SALTO-YOUTH, in-network Ewropew taċ-Ċentri tar-Riżorsi li jaħdem fuq oqsma ta' prijorità tal-UE fil-qasam taż-żgħażaġh.

Niżżel il-verżjoni diġitali ta' dan is-sett ta' għodod biex ikollok aċċess għal-links utli kollha disponibbli f'din il-pubblikazzjoni.



MODULU 1

GĦALIEX GĦANDEK TIVVOTA FL-ELEZZJONIJIET EWROPEJ TAL-2024?



L-elezzjonijiet Ewropej li jmiss se jsiru bejn is-6 u d-9 ta' Ġunju 2024¹. Dawn l-elezzjonijiet ilhom iseħħu kull 5 snin mill-1979 'l hawn. Dawn huma l-akbar eżerċizzju demokratiku transnazzjonali madwar id-dinja, l-uniku eżempju ta' ċittadini minn 27 pajjiż differenti li jeleġġu flimkien ir-rappreżentanti tagħhom għal Parlament komuni wieħed.

Dejjem hu importanti li tivvota, kemm fil-livell lokali, nazzjonali kif ukoll Ewropew. Din hija opportunità eċċellenti għaċ-ċittadini biex isemmgħu lehinom dwar suġġetti għal qalbhom. L-elezzjonijiet Ewropej mhumiex referendum dwar l-UE; dawn jiffunzjonaw bl-istess mod bħall-elezzjonijiet nazzjonali, peress li huma kompetizzjoni bejn perspettivi u proposti differenti – u aktar ma n-nies jivvutaw, aktar se jkunu rrapreżentati fehmiet differenti fil-leġislatura tal-Parlament Ewropew li jmiss, biex jiġi żgurat li d-dibattiti tal-Parlament jirriflettu l-opinjoni kollha li hemm fis-soċjetajiet Ewropej.

Bħal fil-każ tal-elezzjonijiet nazzjonali, l-elezzjonijiet Ewropej huma importanti għal żewġ raġunijiet ewlenin:

- ▶ **Id-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew għandhom impatt dirett u reali fuq il-ħajja ta' kulħadd** (*ara l-Modulu 3 - Kif tħalli impatt fuq ħajti l-UE?*). U dawn id-deċiżjonijiet kollha jibdew b'vot. Wieħed jista' jgħid li dawk li ma jivvutawx jgħixu bid-deċiżjonijiet ta' ħaddieħor – u, iva, fid-demokrazija ta' ħaddieħor.
- ▶ **Id-demokrazija qatt m'għandha titqies bħala xi ħaġa fatta.** Il-bini tad-demokrazija kienet kisba kollettiva, u li nżommuha b'saħħitha hija responsabbiltà kollettiva li fiha lkoll kemm aħna għandna rwol. Id-demokrazija m'għandha qatt titqies ukoll bħala xi ħaġa kompluta. Din dejjem tista' tittejjeb. U aktar ma jivvutaw nies, aktar tissaħħaħ id-demokrazija tagħna.

Il-futur tal-proġett Ewropew jiddependi miż-żgħażaġħ, mir-rieda tagħhom li jħaddnu identità Ewropea u mill-involvement attiv tagħhom fil-proċess politiku Ewropew (*ara l-modulu 5 - Biex issir ċittadin Ewropew attiv*).

L-att tal-votazzjoni bħala forma ta' impenn politiku huwa vitali, u **r-raġunijiet għaliex huwa importanti li wieħed jivvota ta' min jiġu diskussi maż-żgħażaġħ.**

1. Fuq is-sit web tal-[elezzjonijiet Ewropej](#), issib ir-regoli kollha li trid tkun taf biex tivvota fil-pajjiż ta' oriġini jew ta' residenza tiegħek.

Iż-żgħażaġh jistgħu jgħidu li **jridu** jivvutaw minħabba li:

- ▶ **Iridu jiddefendu d-demokrazija:** Id-demokrazija tibda biċ-ċittadini: huma jagħtu bidu għal dan il-proċess billi jivvutaw fl-elezzjonijiet Ewropej, u d-deċizzjonijiet li jittieħdu hemmhekk għandhom effett fuq il-ħajjithom. Jekk iċ-ċittadini ma jipparteċipawx, ma jkollhomx il-possibbiltà li jsawru l-futur; iżda, agħar minn hekk, id-demokrazija parlamentari Ewropea tiflew il-qawwa tagħha u l-valuri tagħha ma jibqgħu jfissru xejn. Il-Parlament Ewropew kontinwament jinsisti biex itejjeb id-drittijiet demokratiċi u jiżgura r-rispett tal-valuri tal-UE, bħall-paċi, il-libertà, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-minoranzi jew l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
- ▶ **Il-liġijiet tal-UE għandhom impatt dirett fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum:** Il-Parlament Ewropew jadotta liġijiet li jaffettwaw direttament 447 miljun persuna fl-UE (il-bilanċ bejn il-ġeneri, il-klima, is-suq uniku, eċċ. – ara l-Modulu 3 – Kif tħalli impatt fuq il-ħajja ta' l-UE?). Il-vot taż-żgħażaġh se jiddeċiedi liema Membri tal-Parlament Ewropew se jirrapreżentawhom fit-tnejn ta' liġijiet ġodda u se jinfluwenzaw ukoll l-elezzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Dawn id-deċizzjonijiet se jsawru l-ħajja ta' kuljum taż-żgħażaġh u dik ta' il-ħafna oħrajn.
- ▶ **Huma jridu jindirizzaw l-isfidi globali** ta' madwarhom (it-tibdil fil-klima, is-saħħa pubblika, l-ekonomija u l-impjegji, is-sigurtà u l-paċi, eċċ.) u li l-ebda pajjiż tal-UE ma jista' jindirizza waħdu b'suċċess. Huma jridu jużaw il-vot tagħhom biex jistabbilixxu d-direzzjoni li l-UE għandha tiegħu fuq dawn l-isfidi.

Iż-żgħażaġh jistgħu jgħidu li **ma jridux** jivvutaw minħabba li:

- ▶ **Huma ma jafux għal min għandhom jivvutaw.** Ħeġġiġhom jiskopru billi jaqraw il-manifesti u l-programmi tal-partiti politiċi fuq l-Internet, jikkellmu mal-qraba tagħhom, jew imorru fis-sit web elections.europa.eu biex isiru jafu aktar dwar il-gruppi politiċi tal-Parlament Ewropew u x'jirrapreżentaw.
- ▶ **Jaħsbu li l-politika hija maħmuġa u ma jridux jinvolvu ruħhom.** Spjega li l-politika mhijiex biss kampanja elettorali u ġlieda kontra l-politiċi. Hija wkoll dibattitu dwar it-tibdil fil-klima, l-ekonomija sostenibbli, is-sorsi tal-enerġija, il-futur tax-xogħol, is-salarji minimi, u liema politiki se jkunu appoġġjati mill-baġit tal-UE.
- ▶ **Skonthom, il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet hija ta' piż.** Irrimarka li l-votazzjoni teħdilhom biss *ftit minuti* minn il-ħajjithom, li bħala medja ddum 80 sena!
- ▶ **Mhumiex interessati fil-politika.** Staqsi jekk humiex interessati fil-futur tal-għeżiż tagħhom, tagħhom stess u tal-pjaneta? Jekk it-tweġiba hija iva, mela fil-fatt huma interessati fil-politika.
- ▶ **Huma ma jemmnux li l-vot tagħhom jgħodd.** Isfidahom! Kull vot huwa importanti f'kull elezzjoni – għall-gvern lokali, parlamentari jew presidenzjali. F'elezzjonijiet reċenti bħar-referendum dwar il-Brexit, jew l-elezzjonijiet presidenzjali tal-Istati Uniti, id-differenza bejn l-għażliet/il-kandidati kienet biss ta' 2-4 punti perċentwali. Hu l-każ tal-Brexit: il-ħafna inqas żgħażaġh ivvutaw f'dan ir-referendum meta kkumparat mal-parteċipazzjoni tal-ġenerazzjonijiet l-aktar anzjani, u l-għażla li jitolqu mill-UE rebħet, għad-dispaċir taż-żgħażaġh – b'hekk kull vot jista' jagħmel differenza.

MISTOQSIJET GWIDA:

- ▶ Meta kienet l-ewwel darba li vvotajt u għaliex? Meta se jkollok l-opportunità biex terġa' tivvota? Kif tneġġeġ lil sħabek biex jivvotaw?
- ▶ Fil-passat mhux kulħadd seta' jivvota: fl-Ewropa, in-nisa, pereżempju, kisbu d-drittijiet tal-vot tagħhom mill-1906 sal-1974, u l-età tal-vot sas-snin 70 kienet ta' 21 sena, u mhux ta' 18-il sena. Id-dritt tal-vot huwa konvenzjoni soċjali li tevolvi maż-żmien. Filwaqt li l-età tal-vot tbaxxiet għal 17-il sena fil-Greċja għall-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin, 4 pajjiżi (il-Belġju, il-Ġermanja, Malta u l-Awstrija) baxxewha għal 16-il sena. Taħseb li għandha titbaxxa fl-Istati Membri kollha tal-UE u għaliex?
- ▶ Meta partijiet tal-popolazzjoni jiġu esklużi mill-votazzjoni jew meta n-nies ma jkunux jistgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom b'mod liberu, x'inhu l-impatt fuq is-soċjetà, b'mod partikolari f'termini ta' drittijiet u rappreżentanza?
- ▶ X'inhuma l-isfidi li ma jistgħux jiġu solvuti minn pajjiż tal-UE waħdu?

RIŻORSI EDUKATTIVI

- ▶ <https://elections.europa.eu>: Is-sit web tal-elezzjonijiet Ewropej jispjega kif jaħdmu l-elezzjonijiet, b'mod partikolari b'filmati qosra ta' minuta (1), u jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar kif tivvota. Dan jagħti l-possibbiltà li tirreġistra biex tikseb tfakkiriet għall-votazzjoni. Se jkun fih ukoll ir-risultati tal-elezzjonijiet. (10 minuti)
- ▶ flimkien.eu huwa komunità ta' nies li jimpurtahom mid-demokrazija u li jridu jagħtuha tifsira reali hekk kif joqorbu l-elezzjonijiet Ewropej li jmiss. Dan in-network jgħaqqad lin-nies mill-Ewropa kollha biex jiltaqgħu, jaqsmu l-għarfien bejniethom u jitgħallmu ħiliet ġodda, filwaqt li jħeġġu lill-oħrajn joħorġu jivvotaw fl-2024. Irreġistra maż-żgħażaġh tiegħek biex tinvolvi ruħek (5-45 minuta)
- ▶ Sett ta' għodod pedagoġiċi "arti fid-demokrazija": Is-sett ta' għodod tal-Arti fid-Demokrazija jesplora s-suġġett tad-demokrazija u l-valuri demokratiċi permezz tax-xogħol artistiku tal-artisti Ewropej kontemporanji. Jipproponi modulu adattabbli dwar it-tagħlim estetiku u bbażat fuq l-esperjenza (15-60 minuta)



Aċċessa r-risorsi kollha



KWIZZ

1. Meta se jsiru l-elezzjonijiet Ewropej?

- a. 6-9 ta' Ġunju 2024 (adatta għal pajjiżek)
- b. Fid-9 ta' Mejju peress li huwa Jum l-Ewropa
- c. fl-2025 biss
- d. Id-data għadha mhix magħrufa

2. L-elezzjonijiet Ewropej iseñhu kull:

- a. 5 snin
- b. sentejn (2)
- c. 7 snin
- d. 4 snin

3. F'demokrazija

- a. in-nies jistgħu jesprimu l-opinjonijiet tagħhom b'mod liberu;
- b. id-deċiżjonijiet ma jittiħdux minn persuna waħda biss
- c. in-nies jistgħu jikkontestaw id-deċiżjonijiet li ma jaqblux magħhom
- d. Ir-risposti ta' hawn fuq kollha


MODULU 2

ID-DIŻINFORMAZZJONI



Il-maġġoranza taż-żgħażaġħ illum il-ġurnata jaċċessaw l-aħbarijiet fuq il-midja soċjali, il-pjattaformi online u permezz ta' messaġġi diretti. Din il-forma ġdida ta' ġbir ta' informazzjoni tiftaħ ukoll bibien għal tentattivi ta' diżinformazzjoni. Minn dejjem kien hemm għajdut falz, nofs veritajiet u gideb intenzjonat maħsuba biex iqarrqu lin-nies. Madankollu, l-użu mifruż tal-media midja soċjali għamel il-fenomeni aġar. **Dawk li joħolqu u jxerrdu d-diżinformazzjoni jaġħmlu dan biex jidħku bin-nies u jimmanipulawhom għal għanijiet politiċi jew ekonomiċi.** Huma jimbuttaw il-kontenut manipulat tagħhom permezz ta':

- ▶ **bots:** kontijiet awtomatizzati li jinteraġixxu fuq l-internet, li spiss jippretendu li huma persuna reali
- ▶ **trolls:** persuni li jaħdmu biex jimbuttaw ċerti narrattivi jew biex jintimidaw, itellfu jew iħawwdu d-dibattitu online
- ▶ ċittadini regolari, li jiġu mħajra jaġħmlu like jew ixerrdu l-kontenut, pereżempju minħabba li jaraw affinità mar-rabja jew il-biża' tagħhom; l-istudji juru li **kontenut manipulat bħal dan għandu tendenza li jivvjaġġa aktar malajr minn kontenut fattwali u affidabbli.**



Fl-istess ħin, it-tekniki biex tinġibed l-attenzjoni tan-nies, biex ifixkluhom jew biex iqarrqu bihom, saru aktar sofistikati. Filmati, ritratti u reġistrazzjonijiet awdjo manipolati maħluqa bl-użu tal-intelliġenza artifiċjali, l-hekk imsejħa **deepfakes**, huma pereżempju mfassla biex min jirċevihom jaħseb li n-nies qalu jew għamlu affarijiet li fil-fatt ma qalux jew ma għamlux.

Xi drabi l-atturi tad-diżinformazzjoni jfittxu li jżidu d-diviżjonijiet u jippolarizzaw id-dibattitu. Huma jisfruttaw il-biżgħat tan-nies li jpoġġu gruppi differenti kontra xulxin u jagħmlu d-dibattitu demokratiku impossibbli. Billi ddgħajef il-fiduċja fil-medja, fl-istituzzjonijiet u bejn in-nies, **id-diżinformazzjoni tiskredita u tiddestabilizza d-demokraziji**. Għalhekk, l-azzjoni kontra d-diżinformazzjoni hija vitali biex tiġi ssalvagwardjata d-demokrazija.

L-UE tieġu l-isfida mid-diżinformazzjoni bis-serjetà. Il-Parlament Ewropew adotta liġijiet ġodda bħall-[Att dwar is-Servizzi Diġitali](#) biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni, tiġi rregolata l-isfera online u jiġi limitat it-tixrid tad-diżinformazzjoni.

Kulħadd jista' jikkontribwixxi għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni billi:

- ▶ Jiffamiljarizza ruħu mas-suġġett;
- ▶ Ikun konxju tal-għodod u t-tekniki użati biex jiġu mħajjra n-nies;
- ▶ Jieqaf u jaħsibha darbtejn qabel ma jagħmel like jew ixerred il-kontenut li jinstab online;
- ▶ Jaqsam dan l-għarfien mal-ħbieb u l-familja.

MISTOQSIJET GWIDA:

- ▶ X'inhi d-diżinformazzjoni? Għaliex hija problema - għalik bħala ċittadin, għas-soċjetà u għad-demokrazija?
- ▶ B'liema modi d-diżinformazzjoni tista' taffettwa l-elezzjonijiet?
- ▶ X'qed isir mill-UE u f'pajjiżna biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni? Min hu involut - il-gvern, is-soċjetà ċivili, il-medja, il-verifikaturi tal-fatti? Skopri min hu attiv f'pajjiżna.
- ▶ Kif tista' tidentifika d-diżinformazzjoni? X'inhuma s-sinjali li għandek toqgħod attent għalihom?
- ▶ X'tista' tagħmel biex tgħin tillimita t-tixrid tad-diżinformazzjoni?
- ▶ X'għandek tagħmel jekk tidentifika d-diżinformazzjoni?

RIŻORSI EDUKATTIVI:

- ▶ Id-diżinformazzjoni "Kif tidentifika l-aħbarijiet foloz" - [gwida bi 8 passi](#) mill-Parlament Ewropew dwar kif tidentifika d-diżinformazzjoni. (10 minuti)
- ▶ [Is-sett ta' għodod edukattivi "Id-Demokrazija tal-UE fl-Azzjoni"](#) jinkludi eżerċizzju dwar il-litteriżmu medjatiku li jgħallim liż-żgħażaġh kif jidentifikaw kontenut potenzjalment manipulattiv u jippermettilhom jiddiskutu kif jevitaw li jaqgħu għalih. (55 minuta)
- ▶ [Identifika u ġġieled id-diżinformazzjoni](#), dan is-sett ta' għodod mill-Kummissjoni Ewropea huwa magħmul minn preżentazzjoni editjata tal-PowerPoint (li tinkludi eżempji tal-ħajja reali u eżerċizzji fi gruppi) u ktejjeb ta' struzzjonijiet għall-għalliema. (45 - 100 minuta)
- ▶ ["Linji gwida għall-għalliema u għall-edukaturi dwar l-indirizzar tad-diżinformazzjoni u l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ"](#). Dawn il-linji gwida mill-Kummissjoni Ewropea jinkludu pariri prattiċi, pjaniet ta' attivitè, għarfien dwar suġġetti u noti ta' kawtela bbażati fuq dak li jaħdem fir-rigward tal-litteriżmu diġitali u l-edukazzjoni u t-taħriġ (sa 45 minuta għal kull attivitè)
- ▶ [Ċentri tal-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali](#) - dawn il-pjattaformi jinsabu fil-pajjiżi kollha tal-UE u jorganizzaw wkoll attivitajiet ta' litteriżmu medjatiku fil-livell nazzjonali jew multinazzjonali;
- ▶ Is-sit web [EUvsDisinfo](#) huwa mmexxi mis-Servizz għall-Azzjoni Esterna tal-Unjoni Ewropea biex jesponi d-diżinformazzjoni u l-propaganda favur il-Kremlin. Dan jinkludi pjattaforma ta' tagħlim b'għodod, logħob, podcasts u riżorsi oħra utli biex tinbena jew tissaħħaħ ir-reżiljenza għad-diżinformazzjoni. (disponibbli biss bi 13-il lingwa, fosthom il-lingwi tal-UE li għejjin: ES, DE, EN, FR, IT, PL u RO)



Aċċessa r-riżorsi kollha



KWIZZ

1. **Id-diżinformazzjoni hija kontenut falz jew qarrieqi li:**
 - a. jinfirex bl-intenzjoni li jqarraq
 - b. jinfirex biex jinkiseb gwadann ekonomiku jew politiku
 - c. jista' jikkawża ħsara lill-pubbliku
 - d. Ir-risposti ta' hawn fuq kollha

2. **Kemm-il ċittadin tal-UE jemmnu li ġew esposti għad-diżinformazzjoni mill-inqas xi darba matul l-aħħar sebat ijiem?²**
 - a. 61%
 - b. 71%
 - c. 81%
 - d. 45%

3. **X'tista' tagħmel kontra d-diżinformazzjoni?**
 - a. Tiegaf informa ruġek
 - b. Tagħmel like jew ixxerred l-informazzjoni li ssib online malajr kemm jista' jkun biex tevita li tkun influwenzat ħażin
 - c. Tkun konxju tal-għodod u t-tekniki użati biex iqarrqu bin-nies;
 - d. L-ebda minn dawn ta' hawn fuq

2. [Stħarriġ tal-Ewrobarometru dwar il-Medja u l-Aħbarijiet 2022 \(April-Mejju 2022\)](#) - l-għadd jikkombina t-tweġibiet "xi drabi", "ta' spiss" u "ta' spiss ħafna")

MODULU 3

KIF TĦALLI IMPATT FUQ ҒAJTI L-UE?

Xi drabi, jista' jkun diffiċli biex nirrealizaw kemm ir-risultat tal-elezzjonijiet Ewropej jolqot lil Ғafna nies. Iżda dawn l-añhar snin urew għal darb' oħra kif id-deċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew jaffettwaw direttament lil kulħadd: il-pajjiżi l-kbar u l-komunitajiet ż-żgħar, il-kumpaniji b'saħħithom u n-negozji ż-żgħar li għadhom jibdew, fil-livell globali u lokali. **Il-liġijiet tal-UE jindirizzaw il-biċċa l-kbira tal-prijoritajiet tan-nies:** l-ambjent, is-sigurtà, il-migrazzjoni, il-politiki soċjali, id-drittijiet tal-konsumatur, l-ekonomija, l-istat tad-dritt u Ғafna aktar. **Illum, kull suġġett nazzjonali importanti għandu wkoll perspettiva Ewropea.**

Il-pajjiżi tal-UE gradwalment taw setgħat u responsabbiltajiet lill-Unjoni Ewropea biex tieñu deċiżjonijiet f'Ғafna oqsma fejn għandhom impatt akbar tal-piż tan-negozjar meta jaħdmu flimkien. Konsegwentement, **madwar 70 % tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kollha hija ddeterminata fil-livell tal-UE,** u l-Parlament Ewropew huwa koleġiżlatur li jiddefendi l-interessi taċ-ċittadini Ewropej.



Dawn li ġejjin huma wħud mill-oqsma differenti li jidħlu fid-dritt tal-UE u fejn il-Parlament għamel differenza fil-leġiżlatura preċedenti:

- ▶ Il-libertà ta' moviment - possibbiltajiet ta' vvjaġġar, studju u xogħol barra mill-pajjiż
 - Aktar baġit għall-[programm Erasmus+](#)
 - Inizjattiva tal-ivvjaġġar [DiscoverEU](#)
 - [Roaming bla ħlas](#) barra pajjiżek

- ▶ l-ekonomija u l-impjegi
 - Standards komuni għal [pagi minimi](#) deċenti fil-pajjiżi kollha tal-UE sal-2024
 - Drittijiet u opportunitajiet ugwali għan-nisa ([pagi](#) u [pożizzjonijiet maniġerjali](#))

- ▶ Il-politika dwar il-klima, ir-ristorazzjoni tan-natura, l-arja nadifa (dak kollu li ma «jiqafx» sempliċiment fil-fruntieri nazzjonali)
 - Objettivi ċari biex tintlaħaq [in-newtralità klimatika sal-2050](#)
 - [Ċarġer komuni](#) b'port USB tat-tip C għat-telefowns, laptops, u apparat elettroniku żgħir ieħor

- ▶ il-valuri demokratiċi, bħal-libertà tal-ħsieb jew tal-espressjoni
 - Sett ta' regoli u prinċipji għall-[midja soċjali](#) jew [l-intelliġenza artifiċjali](#)

MISTOQSIJET GWIDA:

- ▶ F'liema oqasma ta' ħajtek tieġu azzjoni l-Unjoni Ewropea? Għandek xi eżempji konkreti, qrib tiegħek, ta' fejn l-UE tħalli impatt fuq ħajtek?
- ▶ Kieku ma kienx hemm l-UE , x'inhil dik il-ħaġa li kont tħoss in-nuqqas tagħha l-aktar? X'għadu nieqes u għandu jiġi indirizzat mill-Membri tal-Parlament Ewropew ġodda?
- ▶ L-UE tiġi tiswa madwar ewro kuljum għal kull persuna. X'tista' tagħmel b'ewro? X'jistgħu jagħmlu sħabek kollha flimkien jekk ilkoll tagħtu donazzjoni ta' ewro? Fuq xiex għandha tonfoq il-baġit tagħha l-Unjoni Ewropea?

RIŻORSI EDUKATTIVI:

- ▶ Il-[kanal YouTube tal-Parlament Ewropew](#) fih filmati ta' 2 minuti dwar l-azzjoni tal-UE dwar suġġetti bħat-tibdil fil-klima, id-drittijiet tal-bniedem, is-saħħa, jew l-ekonomija. *(sa 5 minuti)*
- ▶ Il-[PE Tul iż-Żmien: stadji importanti fil-ġlieda tal-UE għad-drittijiet tan-nisa](#) (*vidjo ta' 2 minuti*) segwit minn lista ta' azzjonijiet li l-PE ħa sal-2021 biex itejjeb l-ugwaljanza bejn is-sessi. *(15-il minuta)*
- ▶ L-għodda edukattiva "[Europe@school - Lezzjonijiet attivi dwar l-Unjoni Ewropea](#)" tinkludi logħba dwar "L-UE fil-ħajja ta' kuljum", b'xi eżempji konkreti tal-leġiżlazzjoni tal-UE. *(20 minuta)*
- ▶ Is-sit web [X'Qed Tagħmel Għalija l-Ewropa](#) jippreżenta f'formati ta' paġna waħda eżempji konkreti ta' dak li għamlet l-Ewropa, iffiltrati skont ir-reġjuni, l-oqasma tal-ħajja u l-oqasma ta' politika magħżula. *(15-60 minuta)*



Aċċessa r-riżorsi kollha



KWIZZ

1. L-UE biġsiebha tilħaq in-newtralità klimatika sal:-

- a. 2030
- b. 2050
- c. 2040
- d. L-ebda minn dawn ta' hawn fuq

2. Meta nivvjaġġa fl-UE, nista'

- a. Nuża t-telefown tiegħi mingħajr ma nħallas tariffi addizzjonali
- b. Nikseb kura medika bl-istess kundizzjonijiet bħar-residenti
- c. Jekk għandi 18-il sena, nikseb pass tal-ivvjaġġar b'xejn u skontijiet lokali
- d. Ir-risposti ta' hawn fuq kollha

3. Tnejn mill-erba' dikjarazzjonijiet dwar il-programm Erasmus+ huma korretti

- a. Dan jgħin liż-żgħażaġh jistudjaw f'pajjiżhom stess.
- b. Huwa biss għall-istudenti universitarji u ma jinkludix modi oħra ta' taġġim.
- c. Dan jipprovdi opportunitajiet għal sħubijiet fost l-iskejjel, l-universitajiet u l-organizzazzjonijiet minn pajjiżi oħra tal-UE.
- d. Dan jinkludi oqsma bħall-kura soċjali, l-ambjent, il-kultura, iż-żgħażaġh, l-isport u l-kooperazzjoni għall-iżvilupp

MODULU 4 X'INHU L-IRWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW?



Logħba tar-Rwoli Virtuali

Il-Parlament Ewropew huwa l-uniku istituzzjoni tal-UE elett direttament. Kull 5 snin, **450 miljun votant Ewropew** jagħżlu lill-Membri tal-Parlament Ewropew (MEPs) biex jirrapreżentawhom. Il-membri jaħdmu f'isimhom, jiddibattu, isawru u jgħaddu liġijiet dwar kwistjonijiet ċentrali għall-ħajja ta' kuljum tan-nies. Il-Parlament:

- ▶ jiddefendi l-libertà, l-ugwaljanza u l-istat tad-dritt madwar l-UE
- ▶ jippromovwi d-demokrazija, it-twetliq ta' elezzjonijiet ġusti u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja.
- ▶ jeleġġi l-president tal-Kummissjoni Ewropea u jiżgura li l-istituzzjonijiet tal-UE jagħmlu xogħolhom kif suppost
- ▶ jikkontrolla kif jintefqu l-flus tal-UE billi jiddeċiedi flimkien mal-Istati Membri tal-UE dwar il-baġit tal-UE
- ▶ jimmonitorja l-użu tal-baġit tal-UE billi jikkontrolla l-infiq tal-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet kollha tal-UE.

Il-Parlament Ewropew huwa r-rabta taċ-ċittadini mad-deċijonijiet li huma importanti. Huwa jiffirma x'inhi l-Unjoni Ewropea u kif se tkun fil-futur. Iż-żgħażaġh għandhom jużaw il-vot tagħhom biex jagħżlu l-viżjoni li huma jippreferu.

Il-Parlament Ewropew ilu jikseb setgħat b'mod kostanti permezz ta' emendi suċċessivi tat-trattati Ewropej. Fl-2024, ġenerazzjoni ġdida ta' żgħażaġh se jkollha l-opportunità li tiddeċiedi min jirrapreżentahom fil-Parlament Ewropew, opportunità li n-nanniet tagħhom ma kellhomx, peress li l-elezzjonijiet diretti għall-PE ġew introdotti biss fl-1979. **Fl-2024, iċ-ċittadini se jeleġġu 720 Membru, u kull pajjiż tal-UE se jkun irrapreżentat minn minimu ta' 6 Membri u massimu ta' 96 Membru.** Il-membri minn pajjiżi u partiti politiċi differenti jiffurmaw diversi gruppi politiċi magħqudin b'għanijiet u viżjonijiet komuni tal-Ewropa.

Il-ħidma tal-Parlament Ewropew hija mifruxa kull xahar bejn Brussell u Strażburgu. Il-proposti leġiżlattivi li jiġu mill-Kummissjoni Ewropea l-ewwel jiġu diskussi minn wieħed mill-**20 kumitat parlamentari fi Brussell**. Dawn il-kumitati, magħmula minn għadd żgħir ta' Membri u li jiffokaw kull wieħed fuq suġġetti u politiki differenti, jeżaminaw il-proposti, jemendawhom u jivvotaw dwarhom. Il-proposti, kif emendati, imbagħad jiġu diskussi, emendati mill-ġdid, u ssir votazzjoni dwarhom mill-Membri kollha matul is-**sessjonijiet plenarji fi Strażburgu**.

F'xogħolhom, il-Membri għandhom jirrispettaw il-Kodiċi ta' Kondotta, li jistabbilixxi prinċipji gwida fuq kif għandhom iwettqu ħidmiethom b'imparzjalità, integrità, trasparenza, diliġenza, onestà, responsabbiltà u rispett għad-dinjità u r-reputazzjoni tal-Parlament. Il-Kodiċi ta' Kondotta ssaħħaħ fl-2023.



Kun Membru tal-PE

MISTOQSIJJET


- ▶ Il-membri tal-Parlament Ewropew huma ċittadini tal-UE b'halek li jinvolve ruħhom fit-tiswir tal-UE ta' għada. Kemm għandu Membri pajjiżna? X'inhuma l-kwalitajiet personali li dawn il-Membri tal-PE għandu jkollhom meta jirrappreżentaw?
- ▶ il-Membri tal-Parlament Ewropew jagħmlu parti minn gruppi politiċi differenti. X'inhuma dawn il-gruppi u x'jiddistingwihom minn xulxin (b'mod partikolari f'termini ta' ideat)?
- ▶ Kif jaħdmu l-Membri tal-Parlament Ewropew? Kif isiru infurmati dwar is-suġġetti kollha li jintalbu jiddibattu u jivvotaw dwarhom?

RIŻORSI EDUKATTIVI:

- ▶ [Is-serje ta' filmati animati "How it Works"](#) (Kif taħdem) tipprovdi spjegazzjonijiet dwar l-UE, inklużi twegjibiet għal mistoqsijiet bħal "X'setgħat għandha l-UE?", "X'tagħmel il-President tal-Parlament Ewropew?" jew "X'inhu d-dibattitu dwar l-Istat tal-Unjoni Ewropea?" (sa minuta tul)
- ▶ ["Be an MEP"](#) (Daqslikieku kont Membru tal-PE) hija esperjenza ta' realtà virtwali li se tippermetti liż-żgħażaġh jidħlu fl-irwol ta' Membru, mix-xogħol fl-uffiċċju tagħhom sal-votazzjoni f'sessjoni plenarja. (10 minuti)
- ▶ [Esperjenza l-Parlament fi 360°](#) hija żjara virtwali tal-bini tal-Parlament fi Brussell u Strażburgu li tippermetti liż-żgħażaġh jiltaqgħu mal-Membri tal-Parlament Ewropew u jifhmu aħjar kif jaħdmu. (20 minuta)
- ▶ [Il-filmat ta' flimkien.eu](#) dwar it-tagħlim elettroniku "X'inhu l-Parlament Ewropew u kif jaħdem" jispjega l-elementi bażiċi tal-PE u kif jaħdem il-proċess tat-teħid tad-deċizzjonijiet. (35 minuta)
- ▶ [Il-Kronoloġija tal-Parlament Ewropew](#) turi kif il-Parlament gradwalment sar attur ewlieni fil-proċess tat-teħid tad-deċizzjonijiet tal-UE, filwaqt li tenfasizza l-leġiżlazzjoni u l-isfidi ewlenin. (15-30 minuta)
- ▶ [Il-logħba ta' simulazzjoni tal-irwoli virtwali](#), imfassla għal grupp ta' 12 sa 40 plejer, se tippermetti liż-żgħażaġh jidħlu fl-irwol ta' Membru u jesperjenzaw il-proċess leġiżlattiv kollu u b'mod partikolari kif il-Membri tal-Parlament Ewropew jikkollaboraw u jagħmlu kompromessi. (90 minuta)
- ▶ [L-għodda edukattiva "Europe@school"](#) - Lezzjonijiet attivi dwar l-Unjoni Ewropea tinkludi wkoll logħba tradizzjonali tal-irwoli li tbiddel il-klassi tiegħek fil-Parlament Ewropew innifsu. (60-120 minuta)
- ▶ [Is-sit web tal-Parlament Ewropew](#) fih [diversi għodod biex tqabbel ir-riżultati tal-elezzjonijiet Ewropej mill-1979](#), tniżżel id-data u saħansitra tilgħab biex tiffirma maġġoranza fil-Parlament ladarba joħroġu r-riżultati tal-elezzjonijiet li jmiss.
- ▶ [Dar l-Istorja Ewropea](#) żviluppat firxa ta' riżorsi edukattivi li jinfurmaw, jisfidaw, jirriflettu, u jippermettu l-interrogazzjoni u t-tagħlim tal-irwol influwenti li l-istorja għandha fid-dinja moderna tagħna.



Aċċessa r-riżorsi kollha



Programm «Skola Ambaxxatriċi tal-Parlament Ewropew» (EPAS)

KWIZZ

1. **L-erbat ibliet ta' hawn taħt huma s-sedi tal-Istituzzjonijiet Ewropej, iżda waħda biss tospita s-sede uffiċjali tal-Parlament Ewropew:**
 - a. fi Brussell, il-Belġju
 - b. fi Strażburgu, Franza
 - c. fil-Lussemburgu, il-Lussemburgu
 - d. fi Frankfurt, il-Ġermanja

2. **Kemm-il Membru tal-PE se jiġi elett fl-2024?**
 - a. 705
 - b. 751
 - c. 720
 - d. L-ebda minn dawn ta' hawn fuq

3. **X'inhuma l-irwoli tal-Parlament Ewropew?**
 - a. jeleġġi l-President tal-Kummissjoni Ewropea
 - b. isawwar u jgħaddi l-liġijiet
 - c. jiddeċiedi dwar il-baġit tal-UE
 - d. Ir-risposti ta' hawn fuq kollha

MODULU 5 BIEX ISSIR ĊITTADIN EWROPEW ATTIV



EYE

Elezzjonijiet Ewropej 2024

Il-votazzjoni fl-elezzjonijiet Ewropej li jmiss bejn is-6 u d-9 ta' Ġunju tista' tkun l-ewwel pass taż-żgħażaġh biex isiru ċittadini Ewropej attivi. Biex jiffaċilitaw dan, jistgħu jinfurmaw ruħhom billi:

- ▶ iżuru s-sit elettroniku tal-Elezzjonijiet f'www.elections.europa.eu. Dan jipprovdi informazzjoni dwar meta u kif tivvota f'kull pajjiż, u jippermetti r-reġistrazzjoni tal-karatteristika [fakkarni biex nivvota](#)
- ▶ jingħaqdu ma' flimkien.eu u jiksbu aċċess għal
 - informazzjoni dwar l-elezzjonijiet Ewropej u kif jistgħu jgħinu fit-tixrid tal-kelma,
 - lista ta' attivitajiet u avvenimenti li jistgħu jipparteċipaw fihom, kif ukoll
 - riżorsi ta' taġħlim u taħriġ dwar kif ixerrdu l-informazzjoni dwar l-elezzjonijiet mal-familja, il-ħbieb u l-pari tagħhom.

Opportunitajiet ta' involviment għaż-żgħażaġh fl-UE

L-impenn demokratiku ma jiqafx mal-elezzjonijiet. Dan jakkumpanja l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet matul il-mandat tar-rappreżentanti eletti. Jinvolvi li **tifhem x'hemm involut** tajjeb biżżejjed biex tiegħu deċiżjonijiet infurmati. Dan ifisser li l-vuċi tiegħek tinstema' lil hinn mill-att tal-votazzjoni. Tinvolvi li **xerred il-kelma** u tgħin biex **tqajjem kuxjenza dwar kwistjonijiet** li jikkonċernaw liċ-ċittadini u l-futur tagħhom.

Hemm modi differenti kif iż-żgħażaġh jistgħu jaqsmu l-ideat tagħhom u jsawru d-diskussjonijiet dwar il-futur tal-Ewropa.

1. L-EYE (Avveniment Ewropew taż-Żgħażaġħ) tlaqqa' flimkien fil-Parlament Ewropew fi Strażburgu u online **eluf ta' żgħażaġh (16-30 sena) biex jaqsmu u jsawru l-ideat tagħhom dwar il-futur tal-Ewropa** billi jinteraġixxu, jispiraw lil xulxin, u jiskambjaw fehmiethom ma' esperti, attivisti, influwenzaturi, u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet. L-ideat jinġabru fuq is-sit web youthideas.eu u matul l-avveniment, u jinġabru fir-Rapport dwar l-Ideat taż-Żgħażaġħ imqassam lill-Membri kollha tal-Parlament Ewropew. Xi parteċipanti jkunu jistgħu jiżviluppaw iżjed l-ideat l-aktar ta' ispirazzjoni u jippreżentawhom direttament lill-MPEs matul is-Seduta ta' Smiġh tal-EYE.

2. Il-[programm Euroscola](#) jlaqqa' flimkien fi Strażburgu studenti bejn l-età ta' mill-inqas 14-il sena mis-27 Stat Membru tal-UE, mill-pajjiżi applikanti u mir-Renju Unit biex **jiddibattu, jieħdu pożizzjoni, jinnegozjaw, jemendaw, jivvutaw u finalment jadottaw riżoluzzjonijiet dwar kwistjonijiet Ewropej reali**. L-istudenti jingħataw l-opportunità li jiffamiljarizzaw ruħhom mal-ħidma tal-istituzzjonijiet Ewropej, jiddiskutu dwar id-demokrazija, id-drittijiet fundamentali, il-valuri Ewropej u jesprimu l-opinjoni personali tagħhom dwar id-deċizzjonijiet meħuda fil-livell tal-Unjoni Ewropea.
3. Minbarra l-EYE u l-Euroscola, l-[offerta tal-Parlament Ewropew għaż-żgħażaġh](#) għandha ħafna opportunitajiet oħra biex isiru attivi. Tista' tiċċekkja fil-Youth Hub. Il-Youth Hub huwa mfassal esklużivament għall-ħtiġijiet taż-żgħażaġh u fih jistgħu jużaw filtri li jippermettulhom jadattaw it-tiftix tagħhom u jsibu l-esperjenza li jkun qed ifittxu: **minn taġħlim u skoperti sa networking u dibattiti**.
4. Il-Kummissjoni Ewropea, bħala l-unika Istituzzjoni tal-UE li tista' tipproponi liġijiet ġodda lill-Parlament Ewropew u lill-gvernijiet tal-UE, regolarment tfittex **il-fehmiet taċ-ċittadini u tal-partijiet ikkonċernati meta tiżviluppa l-politika u l-leġiżlazzjoni** fuq is-sit web [Semma' leħnek](#).
5. Iċ-ċittadini jistgħu wkoll isejġu lill-Kummissjoni Ewropea biex tipproponi liġijiet ġodda permezz tal-[Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej](#). Ladarba inizjattiva tkun laħqet **miljun firma**, iċ-ċittadini se jkollhom l-opportunità li jippreżentawha waqt smiġh pubbliku fil-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni mbagħad tiddeċiedi dwar x'azzjoni għandha tiegħu.
6. Ladarba tiġi implimentata leġiżlazzjoni Ewropea, **iċ-ċittadini jistgħu wkoll iressqu petizzjoni lill-Parlament Ewropew** biex jitolbu verifika kontinwa tar-realtà dwar il-mod li bih tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni Ewropea u jkejlu sa liema punt l-istituzzjonijiet Ewropej qed iwieġbu għat-tħassib tagħhom. Dan jista' jsir fuq il-[Portal tal-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew](#) jew f'forma stampata.
7. Iż-żgħażaġh jistgħu jieħdu sehem ukoll fid-[Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ](#), li huwa mekkaniżmu bejn iż-żgħażaġh u dawk li jieħdu d-deċizzjonijiet li jseħħ fil-qafas tal-**Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ**. Sal-2027, se tiffoka fuq tliet oqsma ewlenin **"konnessjoni, involviment u awtonomizzazzjoni"**. Ikkuntattja lill-[punti ta' kuntatt nazzjonali](#) biex tinvolvi ruħek. L-idea tagħhom tista' tidher f'waħda mir-riżoluzzjonijiet li jmiss tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (li jirrappreżenta l-gvernijiet tal-UE).

MISTOQSIJET TA' GWIDA:

- ▶ Għandek idea dwar politika jew miżura ġdida fil-livell tal-UE? Kif tista' tippreżentaha lill-UE?
- ▶ Taħseb li l-leġiżlazzjoni Ewropea mhijiex adegwata jew mhijiex implimentata tajjeb? Lil min tista' tikkuntattja biex tesprimi l-ħsibijiet tiegħek?
- ▶ Qed tfittex modi kif tinvolvi ruħek mal-Parlament Ewropew u tappoġġja d-demokrazija fuq bażi kontinwa? X'għandu x'joffri l-Parlament għaż-żgħażaġh?

RIŻORSI EDUKATTIVI:

- ▶ Is-serje ta' filmati animati "[How it works](#)" (Kif taħdem) tipprovdi spjegazzjonijiet dwar l-UE, inklużi tweġibiet għal mistoqsijiet bħal "Kif tista' ssemma' leħnek?" jew "Kif issawwar l-istituzzjonijiet tal-UE?" (*sa minuta tul*)
- ▶ Il-[Youth Hub](#) huwa portal online uniku b'aċċess online għal dak kollu li l-Parlament Ewropew joffri liż-żgħażaġh.
- ▶ Is-sett ta' għodod edukattivi "[Id-Demokrazija tal-UE fl-Azzjoni](#)" jinkoraġġixxi lill-istudenti jieħdu rwol attiv fi kwistjonijiet Ewropej b'erba' lezzjonijiet interattivi dwar id-demokrazija fl-UE u l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.
- ▶ Il-[Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ](#) joffri informazzjoni fil-livell Ewropew u tal-pajjiż dwar l-opportunitajiet u l-inizjattivi li huma ta' interess għaż-żgħażaġh li qed jgħixu, jitgħallmu u jaħdmu fl-Ewropa.





Euroscola

KWIZZ

1. Flimkien.eu huwa pjattaforma fejn iċ-ċittadini jistgħu:

- a. ifittxu traineeships u impjegji
- b. isibu avvenimenti u taħriġ biex jiddefendu d-demokrazija Ewropea
- c. ifittxu finanzjament għal proġetti mmexxija miż-żgħażaġħ
- d. jiltaqgħu u jingħaqdu fi żminijiet ta' pandemija

2. Id-dritt ta' petizzjoni jippermetti liċ-ċittadini u r-residenti tal-UE biex:

- a. jippreżentaw ilment jew osservazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Liġi tal-UE
- b. jitlobu lill-Parlament Ewropew biex jadotta pożizzjoni dwar kwistjoni speċifika
- c. jjeħdu sehem attiv fid-dibattitu tal-petizzjoni tagħhom fil-kumitat parlamentari rilevanti
- d. Ir-risposti ta' hawn fuq kollha

3. Iċ-ċittadini żgħażaġħ Ewropej jistgħu:

- a. jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi liġijiet ġodda
- b. isemmgħu leñnhom dwar il-leġiżlazzjoni Ewropea ppjanata
- c. jaqsmu l-ideat tagħhom għall-futur tal-Ewropa mal-Membri tal-Parlament Ewropew
- d. Ir-risposti ta' hawn fuq kollha

MODULU 6 IŻ-ŻGĦAŻAGĦ JIEĦDU AZZJONI



Premju Karlu Manju għaż-Żgħażagħ Ewropej

L-għan tal-aħħar modulu huwa li jipprovi liż-żgħażagħ b'**ideat ta' azzjonijiet li jistgħu jieħdu** biex jagħmlu l-ewwel pass biex isiru ċittadini attivi u joħolqu l-bidla li jixtiequ jaraw.

L-ideat ippreżentati hawn taħt huma maqsumin f'5 taqsimiet, skont kemm ħin iridu jiddedikaw iż-żgħażagħ għall-azzjonijiet tagħhom: 5, 15, 30, 60 minuta jew aktar.



Local EYES

F'5 minuti

- ▶ **Isegwu l-Parlament Ewropew fuq il-medja soċjali favorita tagħhom.** Il-Parlament Ewropew huwa preżenti fuq Facebook, Flickr, Instagram, LinkedIn, Reddit, Spotify, X u YouTube;
- ▶ **Jagħmlu retweet, jixxerjaw fuq l-story tagħhom, jagħmlu like jew jikkomentaw fuq il-posts tal-Parlament Ewropew.** Meta jixxerjaw il-posts man-networks tagħhom, iż-żgħażagħ jgħinu lil sħabhom u lin-networks tagħhom jaraw x'qed jagħmel il-Parlament u jgħinuhom jieħdu deċiżjoni infurmata fl-elezzjonijiet Ewropej tal-2024;
- ▶ **Jiktbu story/post dwar l-elezzjonijiet Ewropej tal-2024 li tistieden lin-nies jivvotaw.** Dan jista' jkun sempliċiment dwar it-tħabbir li se jkun hemm elezzjonijiet din is-sena, bid-dati (6-9 ta' Ġunju 2024) jew b'enfasi fuq qasam ta' interess partikolari, fejn l-UE għandha (tkompli) tiegħu azzjoni fil-ħames snin li ġejjin;
- ▶ **Jirreġistraw fuq is-sit web tal-elezzjonijiet** biex jirċievu tfakkiriet biex jivvotaw u jiġi żgurat li ż-żgħażagħ ma jinsewx jużaw il-vot tagħhom;
- ▶ **Jirreġistraw fuq flimkien.eu** u jistiednu tliet persuni li jafu biex jagħmlu l-istess;

- ▶ **Idendlu bandiera Ewropea** f'post viżibbli!
- ▶ Isaqsu lill-iskola biex iwaħħlu posters elettorali fuq il-billboards.



flimkien.eu

F'15-il minuta

- ▶ Jorganizzaw **intervent ħabta u sabta** ta' studenti fi klassi oħra. L-għan ta' dan l-intervent ta' 15-il minuta huwa li jqajmu kuxjenza fost studenti oħra dwar l-elezzjonijiet Ewropej u li jagħtuhom 2-3 raġunijiet biex imorru jivvutaw u/jew jinkoraġġixxu lil sħabhom u l-familji tagħhom biex jivvutaw. Filwaqt li l-intervent għandu jiġi organizzat minn qabel mal-edukatur li se jiġi interrott dakinhar, huwa l-element ta' sorpriża li se jagħmel il-preżentazzjonijiet aktar b'saħħithom!
- ▶ **Jiprovaw il-kwiżżijiet online** tal-Parlament Ewropew:
 - L-għodda edukattiva "[Europe@school - Lezzjonijiet attivi dwar l-Unjoni Ewropea](#)" tinkludi wkoll kwiżż online b'12-il mistoqsija (2020)
 - [Kemmm taf dwar is-suq uniku tal-UE? \(2022\)](#)
 - [Kemmm taf dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-UE? \(2020\)](#)
- ▶ **Joħolqu kwiżż fuq** il-pjattaforma online favorita tagħhom b'mistoqsijiet dwar l-UE u jibagħtuha lill-ħbieb u l-familji tagħhom bil-hashtag **#EUElections2024** biex jittestjaw l-għarfien tagħhom dwar l-UE. Il-kwiżż idealment għandu jintemm bi stedina għall-vot.



F'30 minuta

- ▶ Jikkuntattjawhom u jaraw jekk ikunux interessati li jikkontribwixxu għad-difiża tad-demokrazija Ewropea;
- ▶ Jistednuhom jirreġistraw fuq flimkien.eu;
- ▶ Jikkuntattjaw lill-Parlament Ewropew fuq youth@europarl.europa.eu.



F'siegħa jew aktar

- ▶ F'każ li ż-żgħażaġh ikunu jafu organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, influwenzaturi online, jew organizzazzjonijiet privati li jkunu jistgħu jgħinu fil-kampanja elettorali Ewropea uffiċjali tal-2024, huma jistgħu:
 - Jikkuntattjawhom u jaraw jekk ikunux interessati li jikkontribwixxu għad-difiża tad-demokrazija Ewropea;
 - Jistednuhom jirreġistraw fuq flimkien.eu;
 - Jikkuntattjaw lill-Parlament Ewropew fuq youth@europarl.europa.eu.
- ▶ Jekk ikunu fi Brussell, **iżuru l-Info Hub tal-Parlament Ewropew**. Din il-faċilità l-ġdida poġġiet għad-dispożizzjoni firxa wiesgħa ta' riżorsi u attivitajiet interattivi biex tistimula l-kurżità tal-viżitaturi: minn materjali ta' riċerka b'aċċess miftuħ, sa sessjonijiet ta' informazzjoni mfassla apposta, taħditiet u avvenimenti topiċi, kif ukoll "Perkors ta' Esperjenza tal-Elezzjonijiet" ġdid fjamant li jgħin liċ-ċittadini jieħdu deċiżjoni infurmata bbażata fuq dak li qed tagħmel l-Ewropa għalihom.

- ▶ **Jitolbu Taħdita Online taż-Żġhażagħ**, biex l-iskola jkollha l-opportunità li titgħallem aktar dwar is-setgħa, l-irwol u l-attivitajiet tal-Parlament Ewropew b'preżentazzjoni online ta' 60 minuta u sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet adattati għall-interessi tal-grupp



Żur il-Parlament Ewropew

F'ġurnata jew aktar

Iżuru l-Parlament Ewropew. Hemm ħafna offerti għall-viżitaturi disponibbli bla ħlas, xi wħud minnhom miftuħa 7 ijiem fil-ġimgħa.

Fi Brussell u fi Strażburgu:

- ▶ **Iżuru l-binjiet tal-Parlament Ewropew.** Huma jistgħu jibbukjaw żjarat individwali jew fi gruppi fuq is-sit web visitEP. Iż-żjara fl-Emiċiklu – il-qalba tad-demokrazija Ewropea – spiss tħalli impressjoni qawwija fuq il-viżitaturi! Jekk jibbukjaw preżentazzjoni ta' siegħa u sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet ma' kelliem professjonali f'waħda mill-24 lingwa uffiċjali, tkun possibbiltà unika għaż-żġhażagħ biex joqorbu lejn il-proċess Ewropew tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
- ▶ **Iżuru l-Parlamentarium**, mużew interattiv u modern għall-etajiet kollha ddedikat għad-demokrazija Ewropea. Aktar minn 2 miljun ċittadin diġà żaruh!

Fi Brussell u online

- ▶ Iżuru **Dar l-Istorja Ewropea**, li tinsab fi Brussell u li tieħu l-viżitaturi fuq vjaġġ fil-passat tal-Ewropa. Kif wasalna hawn? X'kien ifisser kollox? Viżitaturi minn barra l-pajjiż ukoll jistgħu jesperjenzaw il-mużew online u jagħmlu [żjara virtwali](http://virtwali) bla ħlas.

Madwar l-Unjoni Ewropea

- ▶ Jekk ma jkunux jistgħu jiġu Brussell jew Strażburgu, minflok jistgħu jżuru l-[Europa Experience](#) fl-eqreb belt kapitali tal-UE. L-**Europa Experience** hija spazju multimedjali b'għodod interattivi li joffru lill-viżitaturi spjegazzjoni diretta u affaxxinanti tal-mod kif il-Parlament Ewropew jaħdem biex jindirizza l-isfidi l-aktar importanti tal-lum.
- ▶ L- **Uffiċċji ta' Kollegament tal-Parlament Ewropew** (EPLOs) f'pajjiżek qed jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-komunità tal-edukaturi. Huma jmexxu wkoll il-**programm "Skola Ambaxxatriċi tal-Parlament Ewropew"** ([EPAS](#)) li huwa mfassal għall-iskejjel sekondarji.





L-għan ta' dan is-sett ta' għodod edukattivi huwa li jipprovdi aċċess faċli għar-riżorsi edukattivi li jistgħu jgħinuk tisjega liż-żgħażaġh il-benefiċċji tal-Unjoni Ewropea, l-irwol tal-Parlament Ewropew u l-importanza tal-votazzjoni.

Ir-riżorsi jistgħu jiġu kkombinati b'mod liberu b'tali mod li jħallu spazju għaż-żgħażaġh biex jitkellmu, jaħsbu f'idea, jew jistaqsu mistoqsijiet rigward l-elezzjonijiet Ewropej.

Irreġistra issa biex tirċievi tfakkiriet biex tivvota u tkun ċert li ma tinsieħ tuża l-vot tiegħek.



**Parlament
Ewropew**